II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/557

tat-22 ta' April 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 988/2014 rigward il-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Moldova

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ([2]) ("il-Ftehim") ġie konkluż f'isem l-Unjoni fit-23 ta' Mejju 2016 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/839 ([3]). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016, iżda kien ġie applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Settembru 2014.

(2) Fit-18 ta' Settembru 2014, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 988/2014 ([4]) li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal prodotti agrikoli li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova.

(3) Fis-16 ta' Diċembru 2014, permezz tad-Deċiżjoni Nru 3/2014 ([5]) il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ddelega s-setgħa li jaġġorna jew jemenda ċerti Annessi tal-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, kif imsemmi fl-Artikolu 438(4) tal-Ftehim.

(4) Wara konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Moldova f'konformità mal-Artikolu 147 tal-Ftehim, l-Unjoni qablet li żżid il-volum tal-kwoti tar-rati tariffarji (TRQs) għall-għeneb tal-mejda u l-għanbaqar li joriġinaw mill-Moldova, u li tintroduċi TRQ ġdida għaċ-ċirasa ([6]). B'segwitu ta' dan, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ adotta d-Deċiżjoni Nru 1/2020 li taġġorna l-Anness XV tal-Ftehim ([7]).

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/839 tat-23 ta' Mejju 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 28).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 988/2014 tat-18 ta' Settembru 2014 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal prodotti agrikoli li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 278, 20.9.2014, p. 12).
([5]) Id-Deċiżjoni Nru 3/2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova tas-16 ta' Diċembru 2014 dwar id-delega ta' ċerti setgħat mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ (ĠU L 110, 29.4.2015, p. 40).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2245 tad-19 ta' Diċembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-aġġornament tal-Anness XV (It-tneħħija ta' dazji doganali) għall-Ftehim (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 283).
([7]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2020 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ tat-23 ta' Jannar 2020 dwar l-aġġornament tal-Anness XV (It-tneħħija ta' dazji doganali) għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 34, 6.2.2020, p. 52).

(5) Wara d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tiġġestixxi t-TRQs skont l-ordni kronoloġika tad-dati tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera skont ir-regoli ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([8]).

(6) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 988/2014 jiġi emendat skont dan.

(7) Id-Deċiżjoni 1/2020 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Jannar 2020. Biex tkun żgurata l-ġestjoni effettiva u l-applikazzjoni f'waqtha tal-kwoti stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik id-data.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 988/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Il-kwoti tariffarji stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jitmexxew skont l-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 (*)

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558)."

(2) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-23 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

ANNESS

"ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem li jiddeskrivu l-prodotti għandu jkollhom biss valur indikattiv. Fil-kuntest ta' dan l-Anness, l-ambitu tal-iskema preferenzjali għandu jkun iddeterminat, mill-kodiċijiet tan-NM kif jeżistu fil-ħin tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Perjodu tal-kwota	Volum annwali tal-kwota (piż nett f'tunnellati metriċi sakemm mhux speċifikat mod ieħor)
09.6800	0702 00 00	Tadam, frisk jew imkessaħ	Mill-1.9.2014 sal-31.12.2014	2 000
			Mill-1.1.2015 sal-31.12.2015 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem	2 000
09.6801	0703 20 00	Tewm, frisk jew imkessaħ	Mill-1.9.2014 sal-31.12.2014	220
			Mill-1.1.2015 sal-31.12.2015 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem	220
09.6802	0806 10 10	Għeneb tal-mejda, frisk	Mill-1.9.2014 sal-31.12.2014	10 000
			Mill-1.1.2015 sal-31.12.2015 u għal kull sena kalendarja sal-31.12.2019	10 000
			Mill-1.1.2020 sal-31.12.2020 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem	20 000
09.6803	0808 10 80	Tuffieħ frisk (ħlief it-tuffieħ tassidru, fi kwantità, mis-16 ta' Settembru sal-15 ta' Diċembru)	Mill-1.9.2014 sal-31.12.2014	40 000
			Mill-1.1.2015 sal-31.12.2015 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem	40 000
09.6806	0809 29 00	Ċirasa (minbarra ċ-ċirasa qarsa), friska	mill-23.1.2020 sal-31.12.2020 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem	1 500
09.6804	0809 40 05	Għanbaqar, frisk	Mill-1.9.2014 sal-31.12.2014	10 000
			Mill-1.1.2015 sal-31.12.2015 u għal kull sena kalendarja sal-31.12.2019	10 000
			Mill-1.1.2020 sal-31.12.2020 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem	15 000

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Perjodu tal-kwota	Volum annwali tal-kwota (piż nett f'tunnellati metriċi sakemm mhux speċifikat mod ieħor)
09.6805	2009 61 10	Meraq tal-għeneb (inkluż il-most tal-għeneb), mhux iffermentat u mingħajr spirtu miżjud, ta' valur Brix li ma jaqbiżx it-30, ta' valur jaqbeż it-€18-il kull 100 kg tal-piż nett, fih jew ma fihx zokkor miżjud jew dolċifikant ieħor	Mill-1.9.2014 sal-31.12.2014	500
			Mill-1.1.2015 sal-31.12.2015 u għal kull sena kalendarja minn hemm 'il quddiem	500
	2009 69 19	Meraq tal-għeneb (inkluż il-most tal-għeneb), mhux iffermentat u ma fihx spirtu miżjud, ta' valur Brix li jaqbeż is-67, ta' valur jaqbeż it-€ 22 kull 100 kg tal-piż nett, fih jew ma fihx zokkor miżjud jew dolċifikant ieħor		
	2009 69 51 2009 69 59	Meraq tal-għeneb (inkluż il-most tal-għeneb), mhux iffermentat u ma fihx spirtu miżjud, ta' valur Brix li jaqbeż it-30 iżda ma jaqbiżx is-67, ta' valur jaqbeż it-€ 18-il kull 100 kg tal-piż nett, fih jew ma fihx zokkor miżjud jew dolċifikant ieħor""		